

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/142

tas-26 ta' Jannar 2017

li jemenda għall-258 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriz̄ar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fid-19 ta' Jannar 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda fil-lista tiegħu tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li jaapplika l-iffriz̄ar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffīċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2017.

*Għall-Kummissjoni,
F'issem il-President,
Aġġent Kap tas-Servizz tal-Instrumenti tal-Politika Barranija*

(¹) ĠUL 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Id-dejta tal-identifikazzjoni tal-entrata segwenti taħt l-intestatura “Persuni naturali” (Persuni fiżiċi) fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hija emendata kif ġej:

“Malik Muhammad Ishaq (*alias* Malik Ishaq). Indirizz: il-Pakistan. Data tat-twelid: madwar l-1959. Post tat-twelid: Rahim Yar Khan, il-Provinċja tal-Punjab, il-Pakistan. Nazzjonalită: Pakistana. Tagħrif ieħor: (a) Deskrizzjoni fiżika: mibni b'għajnejh suwed, xagħru iswed u karnaġon ta' kannella medju b'daqna kbira sewda; (b) Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjalisti ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Data tal-klassifi-kazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 14.3.2014.” hija sostitwita bi:

“Malik Muhammad Ishaq (*alias* Malik Ishaq). Indirizz: il-Pakistan. Data tat-twelid: madwar l-1959. Post tat-twelid: Rahim Yar Khan, il-Provinċja tal-Punjab, il-Pakistan. Nazzjonalită: Pakistana. Tagħrif ieħor: (a) Deskrizzjoni fiżika: mibni b'għajnejh suwed, xagħru iswed u karnaġġjon kannella medju b'daqna kbira sewda; (b) Ir-ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Inqat fil-Pakistan fit-28.7.2015. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 14.3.2014.”